MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2009

Numru. 137/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**Daniel Mizzi**

Kumpilazzjoni Droga Nru: 137/2009

Illum, 3 ta’ Marzu 2009,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Daniel Mizzi ta’ 28 sena iben Carmel u Maria Theresa xebba Farrugia, imwieled Attard, nhar it-12 ta’ Mejju, 1980 u residenti Alfcons Court, Nru. 8, Triq il-Hortan, Marsascala u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 238780M.

Akkuzat talli fl-1 ta' Marzu, 2009 u matul it-tliet xhur ta' qabel din id-data, f' dawn il-Gzejjer

1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi skond il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifatura jew iforni d-droga imsemmija u dan bi ksur tar-regolamenti 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Aktar talli kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi skond il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principal ital-Gvern skond id-disposizzjoni tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emmedati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi skond il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitix ghall-uzu personali tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-raba u s-sitt taqsimiet tal-Kap 101 u r-Regolament numru 4 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1969.

Rat l-ordni ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi deciz minn din l-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjon anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokuemtni esebiti.
Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati u min-naha l-ohra l-ammont tad-droga li nstabet fil-pussess ta'l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali tieghu li hija kwazi netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat ir-raba u s-sitt taqsimiet tal-Kap 101 u r-Regolament numru 4 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1969, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati u tikkundannah sitt xhur prigunerija u multa ta' hames mitt Euro (€500).

In oltre l-Qorti qed tordna d-distruzzjoni ta'l-oggetti esebieti bhala Document VA6 u dan a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------